# Bandiera ta' San Ġorġ għas-Sokkors ta' l-1429

F'Għawdex il-kelma sokkors, billi għandna l-Madonna tas-Sokkors f'ta' Kercem hi kelma magħrufa, għalkemm ma nafx hux kulħadd jaf xi tfisser sew. Sokkors kien ikun, rinfors t a' suldati li kien jinbagħat, fil-każ tagħna minn Sqallija, biex iġiegħel lill-għadu jwarrab minn mas-swar assedjati u jitlaq minn Malta.

Fir-rakkonti dwar l-Assedju ta' l-Imdina li seħħ bejn it-23 u is-26 ta' Settembru ta' l-1429 jew ma jissemma xejn fuq dan is-sokkors jew hemm biss ħjiel ċkejken li seta' kien hemm wieħed. Hekk is-sur Grima fl-artiklu li deher is-sena l-oħra fil-ħarġa tal-Festi ta' San Ġorġ naqraw li suppost kellhom jinbagħtu r-rinforsi lejn Malta minn Sqallija iżda mhux magħruf waslux jew le qabel l-attakk.

Jekk niġbru tliet indikazzjonijiet u ngħaqqduhom flimkien il-probabbiltà li kien hemm sokkors tikber, għalkemm fl-assenza ta' xhieda diretta li fil-fatt kien hemm sokkors l-istoriku joqgħod lura u ma jikkonfermahx bħala fatt.

L-ewwel indikazzjoni fl-opinjoni tiegħi hi l-għajdut tal-kronista Għarbi, eż-Żerkexi li jgħid li t-Tuneżini warrbu minn ma' l-Imdina meta kien għoddhom ħaduha. Prosit! Hekk ukoll ġara lit-Torok fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565:- warrbu meta kienu f'xifer ir-rebħa. Imma kulħadd jaf għax warrbu, għax wasal is-sokkors imsejjaħ is-Sokkors il-Kbir minn Sqallija. Din storja bħal dik li jirrakkontaw l-kaċċaturi, in-nassaba u s-sajjieda tal-qasba: "Trid tara x'kaħlija fiha ratal ħelsitli x'ħin tajtha s-salt'. Trid tara x'qatgħa taż-Żebbuġ, ħelset x'ħin issaqqaf ix-xbiek! U hekk!

U t-18,000 Tuneżin imdawwrin ma' l-Imdina ma kenux qaddisin! Ħa naraw x'għamlu l-kursari ta' Barberija fl-Assedju l-Kbir. Il-Baxa ħareġ ordni biex ma jħallu 'l ħadd ħaj meta ħadu 'l Sant' Iermu nhar it-23 ta' Ġunju 1565. Imma l-kursari ma obdewx avolja diżubbidjenza lill-Baxa Mustafà kienet tfisser mewt u lill-priġunieri qabduhom ħajjin bil-ħsieb li jdabbru kemxa flus tal-fidwa tagħhom. Il-Baxa kellu jħallashom tagħhom biex irħewlu l-priġunieri ħalli joqtolhom hu u jiżvoga l-krudiltà tiegħu fuqhom u kieku l-Qajd Ridwan ħareġ ordni għall-irtirata lill-bużnanniet tal-kursari ta' l-1565, kienu se jobduh meta l-Imdina u n-nies ta' ġo fiha kienu waslu fl-aħħarnett? Bilfors li rtiraw fis-26 ta' Settembru 1429 għax kien hemm xi ħaġa le ġegħlithom jagħmlu hekk malajr, malajr.

Issa niġu għat-tieni indikazzjoni li turina li kien hemm sokkors. Din insibuha fir-rakkont ta' Monsinjur Alredo Mifsud li deher fl-Archivum Melitense ta' 1918 - 1919 p.313 - 314. Hu jgħidilna li Isidoro, Metropolita Ruten u Kardinal, wasal Serquża minn Kostantinopli, il-Ħadd fil-għaxija, nhar il-25 ta' Settembru 1429 u niżel l-art l-agħda u hemm sama' li Malta kienet assedjata min 63 bastiment Alġerin. L-uffiċċjali Sirakużani qabdu l-bastiment li kien għadu kif jasal u ordnawlu biex flimkien ma' għaxra oħra jsalpa għas-sokkors ta' Malta.

Minn dan ir-rakkont naslu għall-konklużjoni li minn Sirakuża biss kien hawn ħdax-il bastiment miġbura għas-sokkors ta' Malta.

Issa fadal it-tielet indikazzjoni li turina li l-isforz għas-sokkors sar ukoll f'Palermo b'ordni tal-Viċirejiet. Fil-Proceedings of History Week ta' l-1982 p. 67/68 l-Prof. G. Wettinger ippubblika żewġ dokumenti li sab fl-Arkivju ta' Palermu. Mill-ewwel dokument insiru nafu li kaptan ta' bastiment Venezjan safa arrestat flimkien mal-baħrin tiegħu, b'kollox 22, u nżammu għal tnax-il ġurnata l-ħabs fil-Palazz tar-Re talli ma riedx iħalli l-bastiment tiegħu jintuża għas-sokkors ta' Malta. Minn dan id-dokument u sieħbu nsiru nafu li tħallsu l-ispejjeż għal tliet standarti għall-użu ta' l-armata li kellha ssalpa għas-sokkors. Fuq wieħed minn dawn l-istandarti kien hemm pinġut il-kurċifiss, fuq ieħor l-arma tar-Re u fuq it-tielet l-arma ta' San Ġorġ.

Li fi kruċjata kontra l-Mislem ikun hemm standart tal-Kurċifiss malajr nifhmuha. Hekk ukoll standart bl-arma tar-Re. Imma San Ġorġ? San Ġorġ kien il-patrun ta' Aragona u dak iż-żmien

Sqallija u Malta kienu taħt Alfonsu, Re ta' Aragona. Hi ħasra li f'xi kotba ta' l-istorja ta' Malta jingħad li r-Rejiet ta' dak iż-żmien kienu Kastiljani u joħolqu ħafna taħwid.

Jekk hemm dawn l-indikazzjonijiet li kien hemm sokkors, is-sokkors imnejn seta' telaq u fejn seta' niżel. Jien naħseb li l-bastimenti li kien hemm fil-portijiet ta' Sqallija salpaw lejn xi port fin-naħa t'isfel ta' Sqallija u minn hemm telqu flimkien lejn Malta.

Bħalma għamlet il-flotta ta' l-1565, dil-flotta niżżlet in-nies l-ewwel art, jiġifieri n-naħa ta' fuq ta' Malta bħal, ngħidu aħna, il-Marfa u minn hemm irħewla għall-Imdina. Meta ġew iż-żewġ sokkorsi ta' l-1565, il-flotta Torka kienet ankrata Marsaxlokk fil-każ tas-sokkors, iż-żgħir li niżel Ħaġra s-Sewda wara Malta u minn hemm telaq għall-Imdina, u Marsamxett, fil-każ tas-Sokkors il-Kbir, li niżel il-Marfa, u minn hemm għall-Imdina. U fl-1429 il-flotta Tuneżina ta' xi 70 fusta jiġifieri bħal xwieni baxxi bl-imqadef, użati għall-kors, fejn kienet? Fir-rumanż "Ineż Farrug", l-awtur Anton Manuel Caruana itarrfilna fuq it-tradizzjonijiet dwar dan. Caruana jgħid li l-għadu għall-ewwel daħal fil-Fliegi, wera li jrid jinżel il-Marfa u r-Ramla ta' l-Għadira, imma mbagħad niżel San Pawl il-baħar, f'Wied il-Għajn, Madonna tal-Mellieħa u darbtejn kaxkru l-Għarab 'l isfel 'l hinn mir-Ramla. Il-Maltin waqfulhom ukoll fejn it-Tarġa tan-Naxxar u fl-aħħar ingħalqu l-Imdina.

Li l-armata tas-Saraċini tidħol fil-Fliegi hekk kif waslet wieħed jistennieha meta tqis li kienet ġejja bl-imqadef mill-punent. U li wara li tipprova tinżel n-naħa ta' fuq, tfittex postijiet ikbar u iktar kennin, bħal, ngħidu aħna, Marsaxlokk jinħass ukoll naturali. Jekk ġara hekk fin-naħa ta' fuq ta' Malta sata' jinżel is-sokkors li sata' ntbagħat minn Sqallija.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet jiena nħoss li l-probabbiltà ta' sokkors hija tant kbira li l-istoriċi għandhom jagħtu iżjed piż fir-rakkont ta' dan l-episodju doloruż ta' l-istorja tagħna.

*Victor J. Galea*


**FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK**

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  - Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning, ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

**FGP Limited**

49 Valletta Road, Luqa. Tel: 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering




**IN GOZO PLEASE CONTACT GOZO ALUMINIUM. Tel: 551166**